MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 588/2003/1

**Antoine Vassallo f' ismu *proprio* u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**James Anthony Cefai**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Settembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur nomine fit-18 ta' Marzu 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm675.72) import ta' tmintax (18)-il kambjala esebiti u

mmarkati Dok.1 sa Dok.18, minnu accettati u ffirmati li d-data tal-maturita’ taghhom skadiet u baqghu ma thallsux, prezz ta’ vettura lilu mibjugha u konsenjata.

Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta’ April, 2003 fejn intqal:

Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-vettura in kwistjoni thallset (Dok.1);

Illi l-konvenut huwa kreditur tal-attur ta’ somma li thallset taht pretizi foloz tal-istess attur, liema somma tifforma l-mertu tal-kontro-talba.

Ra l-kontro-talba fejn intalab li l-attur jigi kkundannat ihallas ammont li, ghal fini ta’ kompetenza tat-Tribunal, mhux qed jeccedi l-kompetenza tal-istess Tribunal, liema ammont gie imhallas minghand il-konvenut taht pretizi foloz tal-attur

Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fit-13 ta’ Mejju, 2003, fejn intqal:

Illi l-kontro-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut Cefai ma ghamel l-ebda hlas fl-ammont ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500) taht pretizi foloz, u ghalhekk it-talbiet kif dedotti fil-kontro-talba ghandhom jigu michuda.

Semgha x-xhieda ta’ Patrick Garrone, Sue Bartolo, Dr John Buttigieg, James Anthony Cefai, Antoine Scerri, Angela Mifsud.

Ikkunsidra:

1. Illi din il-kawza qed issir ghal hlas ta’ tmintax-il kambjala (18) kopja ta’ liema huma esebiti bhala Dok 1 sa Dok 18 u dawna prezz ta’ vettura.

2. Patrick Garrone Branch Manager tal-Bank of Valletta, Balluta Branch spjega illi meta kambjala ma tigix mhallsa mill-konvenut ikollu jhallasha l-attur u fil-fatt il-Bank jiehu l-flus mill-kont ta' l-attur u jibghat il-kambjala lill-istess attur u jindikalu li ma thallsitx.

3. Sue Bartolo ghall-attur esebiet il-kambjali originali li fuqhom qed issir din il-kawza. Dawna gew esebiti bhala Dok SB 1 sa SB 18.

4. Il-konvenut spjega li missieru kien xtara karozza ghal elf lira (Lm1000) u wara li nxtrat skoprew il-missier kien ma jiflahx serjament u fil-fatt wara sitt xhur miet. Il-konvenut ha hsieb il-pagamenti ta' missieru. Sussegwentement jirrizulta illi l-konvenut iffirma l-kambjali li fuqhom qed issir din il-kawza u jghid li huwa effettwa pagamenti.

5. Jirrizulta li saru pagamenti fl-ammont ta' tlett mija erbgha u sebghin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm374.54) Dok A, saru depoziti l-Bank fl-ammont ta' mitejn tnejn u sittin lira tmienja u sebghin centezmu (Lm260.78) Dok B1 sa B4 u mill-*loan account statement* tal-Bank Dok C 1 sa Dok C5 juri li l-bilanc tal-Bank kien imhallas. Hekk ukoll id-Dok D 1 u D2 juru li l-loan account f'isem il-missier kien ukoll imhallas. Apparti minn dan hemm ukoll il-fotokopji tal-kambjali esebiti Dok E 1 sa E 12 li juru wkoll li sar il-hlas taghhom. Apparti minn dan hemm id-Dok F 1 u G1 li huma *deposit slips* ta' flus imhallsa minn omm il-konvenut u minn missieru.

6. It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax fuq il-fatt illi l-attur Antoine Vassallo stess personalment qatt ma xehed f'din il-kawza.

7. Ghalhekk minn dak li ntqal jirrizulta illi gialadarba l-kambjalijiet ghadhom f'idejn l-attur, il-presunzjoni hi li dawna ghandhom ma thallsux, pero' mill-att l-iehor, u dana ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenut jirrizulta illi l-istess konvenut hallas sitt mija u hamsin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm650.54) zejda u dana

skond in-nota dettaljata ta’ l-abbli difensur tal-konvenut u n-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-istess fir-rigward.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fl-ammont ta’ sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm675.72), u l-kontro-talba tal-konvenut ukoll tirrizulta wkoll pruvata fl-ammont ta’ sitt mija u hamsin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm650.54) u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 1196 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur fil-kwalita’ tieghu premessa s-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira u tmintax-il centezmu (Lm25.18) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma msemmija ta’ hamsa u ghoxrin lira u tmintax-il centezmu (Lm25.18). Bl-imghaxijiet legali millum sad-data tal-pagament effettiv.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal iqis illi l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur.”

L-attur *proprio et nomine* appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha bl-ilment illi t-Tribunal ma kellux jakkolji l-kontro-talba tal-konvenut. Huwa jikkontendi li mill-provi ma jirrizultax illi l-appellat illegittima l-pretensjoni tieghu illi huwa ghamel hlasijiet lilu taht pretizi foloz;

Ghal dan l-aggravju l-konvenut irrepeta dak minnu sottomess f’ Nota ta’ l-osservazzjonijiet quddiem it-Tribunal, u cjoe li hu ssalda l-hlas kollu. Mhux hekk biss. Hu ppretenda wkoll illi hallas ukoll aktar minn dak effettivament dovut. Nonostante li ma ressaq l-ebda appell incidentali huwa invita lil din il-Qorti billi filwaqt li tiskarta t-talba attrici takkolji *in toto* l-kontro-talba tieghu, bl-interessi u bl-ispejjez taz-zewg istanzi;

Jibda biex jigi senjalat illi l-azzjoni proposta mill-attur appellant hi dik kambjarja. Li jfisser, skond gurisprudenza pacifika, illi din ghandha r-regoli proprji taghha. “B’ dan illi l-obbligazzjoni f’ kambjala hija astratta u kompluta, jigifieri

indipendenti mill-*causa obligationis* li minhabba fiha l-kambjala tkun giet mahruga.  Id-debitu kostitwit f' kambjala huwa tali mhux ghax hemm obbligazzjoni pre-ezistenti imma ghaliex id-debitur iffirma il-kambjala" – "**Henry Petroni -vs- Bernard Farrugia**", Appell Kummercjali, 23 ta' Novembru 1994;

Jinsab deciz ukoll illi "l-azzjoni kambjarja hija azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f' azzjoni simili huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjala stess" – "**United Acceptances Finance Ltd -vs- Mario Grech *proprio et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Issa huwa minnu li l-Kodici tal-Kummerc jahseb ghal kaz ta' xi eccezzjonijiet; *inter alia*, dak provvdut fl-Artikolu 198 tieghu.  Eppure, korrettement intiz, dan id-dispost tal-ligi "jimplika illi eccezzjonijiet li kienu ta' natura personali ghall-possessur u li allura setghu joriginaw minn negozju li ta lok ghall-hrug tal-kambjala u li setghu idewmu d-determinazzjoni ta' l-azzjoni kambjarja kellhom jigu skartati" – "**Adrian Busietta *nomine* -vs- Marco Attard *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001;

Hemm pero` eccezzjonijiet ohra li jistghu jinghataw u fost dawn il-kazijiet hemm dak meta l-kunsens ta' l-accettant ikun vizzjat b' dolo jew vjolenza.  Ghaldaqstant, kif drabi ohra affermat, "meta l-eccezzjoni hija tad-dolo, il-Qorti ghandha tezamina l-kwestjoni sollevata, ghaliex diversament il-Qorti tkun qeghda tiffavorixxi lil min, kieku l-eccezzjoni tkun provata, ikun agixxa dolozament" (**Kollez. Vol. XXXIV  P III  p 845**).  "Kwindi l-provi dwar l-allegat dolo jew l-allegata vjolenza jinstemghu fl-istess gudizzju fejn tigi mitluba l-adempjenza ossija l-hlas tal-kambjali" (**Kollez. Vol. XLV  P I  p 478**).  Jekk il-Qorti ma tinvestix dan il-punt, sollevat b' eccezzjoni jew b' kontro-talba, bhal f' dan il-kaz, il-Qorti ndirettament tkun qeghda tghin lil min ma jisthoqqlux dik l-ghajnuna minhabba d-dolo tieghu.  F' dawn il-kazi huma applikabbli z-zewg principji tad-Dritt illi "*natura aequum est neminen cum alterius detrimento fieri*

*locupletiorem*” u “*malitiis non est indulgendum*” li huwa principju ta’ moralita` u ghandu jkollu l-applikazzjoni tieghu guridiku” (**Kollez. Vol. XXXI P I p 507** u **Vol. XXIX P III p 319**);

Premessi dawn il-principji guridici, din il-Qorti hi tal-fehma illi, anke jekk espressament ma jinghad xejn dwarhom fis-sentenza appellata, it-Tribunal ikkonsidrahom fid-deliberazzjoni tieghu u ddetermina l-vertenza quddiemu billi hares id-dispost ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att ta’ l-1995, u ghal kaz applika gudizzju bazat fuq l-ekwita`;

Din il-Qorti tasal biex taccetta in linea ta’ massima d-decizjoni tat-Tribunal. Huwa veru illi l-provi dwar il-hlasijiet li saru ma humiex ghal kollox cari. Hu cert pero` mill-komputazzjoni li ghamlet din il-Qorti tad-dokumenti esebiti minn fol. 61 sa fol. 73, ir-ricevuti esebiti a fol. 49 u l-*Bank statements* minn fol. 54 sa fol. 57 illi l-konvenut, u missieru qablu, kienu ghamlu bosta hlasijiet. Hlasijiet dawn li manifestament jiddemostraw illi kienu saru biex jissodisfaw l-import tal-prezz tal-vettura mixtrija u tal-kambjalijiet, li nonostante baqghu fil-pussess ta’ l-attur *nomine*, kienu pjenament sodisfatti. Hekk per ezempju jidher aktar minn ovvju illi ghalkemm saru hlasijiet fl-ammont komplessiv ta’ Lm374.54,0 f’ Gunju 2001 u nhargu ricevuti ghalihom (fol. 49) jidher li l-kambjalijiet, riferibilment ghal dawn il-hlasijiet, xorta wahda baqghu f’ idejn l-attur *nomine* u taghhom dan qed jerga’ jitlob il-hlas bl-odjerna azzjoni. Dan hu biss ezercizzju wiehed in kwantu l-Qorti mhix ghal kollox konvinta, mill-analisi taghha tad-dokumenti l-ohra gja surreferiti, illi ma sarux ukoll hlasijiet ohra, li komplessivament jeccedu l-ammont ta’ l-istess kambjalijiet;

Hekk jinghad fil-korp tar-rikors ta’ l-appell illi wara l-mewt tal-missier, li xtara l-vettura ghall-prezz ta’ elf lira (Lm1000) inhargu 29 kambjala ghall-ammont ta’ Lm37.54 il wahda li gew iffirmati mill-konvenut. Dawn jittotalizzaw is-somma komplessiva ta’ Lm1088.66. Evidentement jigi li l-attur injora ghal kollox il-hlasijiet ghal Lm48.43 il wahda

li kienu diga` sarulu mill-missier premort, esebiti minn fol. 71 sa fol. 73; b' kollox Lm193.72. Ghal Qorti dan kollu ghandu sapur ta' dak id-dolo li l-gurisprudenza succitata riedet li l-gudikant iqis anke f' azzjoni kambjarja, biex l-possessur tal-kambjalijiet ma japprofittax ruhu u ma jinghatax dak li ghalih mhuwiex intitolat;

Kif gja ravvizat il-konvenut appellat ma pprevaliex ruhu mill-appell principali biex iressaq appell incidentali u allura din il-Qorti hi prekluza milli takkorda attenzjoni lil dak minnu sottomess fir-risposta ta' l-appell tieghu.

Ghal motivi suesposti u dawk l-ohra dedotti mit-Tribunal, li dina l-Qorti qeghda tadotta, l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-attur *proprio et nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------